*Alexander Bonnici OFM Conv., HED, SThL, PhB.*

# *Dun Franġisk Muscat (1895 – 1901)*

## Il-Kappillan li Ħolom bit-Tkabbir tal-Knisja

**● Żmien ta' Diffikultajiet**

Meta l-Kappillan Rizzo, kontra qalbu, kellu jitlaq minn Ħad-Dingli, id-diffikultajiet għar-raħal kienu akbar minn dawk tas-soltu. In-nies kienu twajba u kellhom qalbhom marbuta mal-knisja tagħhom. Proprju għal din ir-raġuni, il-knisja tagħhom kienet qed tidhrilhom ċkejkna. Imma t-toqol tal-faqar kien għadu qed jinħass. Għalhekk, kien se jkun att ta' kuraġġ għal dak il-Kappillan li joħlom bit-tkabbir tal-knisja. Ma' dawn, jiżdiedu diffikultajiet oħrajn. Waħda minn dawk id-diffikultajiiet kienet l-għażla ta' Kappillan ġdid wara Dun Ġużepp Rizzo. Ma kenitx sejra tkun ħaġa ħafifa għas-suċċessur ta' Rizzo biex jieħu f'idejh bid-drittijiet kollha l-parroċċa ta' Ħad-Dingli. B'xorti tajba, kien se jkun wieħed li għex is-sitwazzjoni diffiċli meta Rizzo ġie mneħħi, u hu ma riedx joqgħod għad-deċiżjoni li ttieħdet kontra tiegħu.

Dun Franġisk Muscat, mill-1891, fil-fatt kien beda jmexxi 'l parroċċa bit-titlu ta' Vigarju Kurat. Muscat kien jaf tajjeb li, biż-żmien, kienu sejrin jinħolqu xi kummenti dwar dak iż-żmien diffiċli. Għalhekk fir-reġistru tal-magħmudijiet, hu niżżel ftit dettalji dwar il-proċess kontra Rizzo, mingħajr qatt ma kiteb x'kienu r-raġunijiet tat-tneħħija tiegħu.[1] Fl-1894, il-ġrieħi kienu għadhom miftuħa. Għalhekk, l-Arċisqof Pietru Pace ħass li jkun aħjar li jgħaddi ftit żmien qabel ma jsir il-konkors għall-għażla ta' Kappillan ġdid. Kien jaqbel li l-qagħda tikkalma ftit. Ma kenitx sejra tiġri ħsara għaliex il-Vigarju Kurat Dun Franġisk Muscat kien se jibqa' bir-responsabilità tal-parroċċa f'idejh.

**● 1895: Dun Franġisk Muscat minn Vigarju għal Kappillan**

Fit-8 ta' Mejju 1895, l-Arċisqof Pace ħareġ l-editt tal-konkors għall-għażla tal-Kappillan. Fl-istess editt, jidher li l-qagħda ma kenitx waħda normali. Dejjem kien jinkiteb għaliex il-parroċċa tkun ġiet vakanti. Tissemma xi rinunzja jew mewt ta' Kappillan. Din id-darba, ir-raġuni ma tqegħditx. Il-konkors kien se jsir bil-miktub fid-29 ta' Mejju 1895, fil-palazz ta' l-Arċisqof, il-Belt.[2]

Dun Franġisk Muscat ikkonkorra bit-tama li jingħata l-parroċċa f'idejh. Miegħu resqu tlieta oħra li kienu Dun Alfons Gauci, Dun Franġisku Saverju Mifsud, u Dun Ġużepp Muscat. Imma dawn ma kellhom l-ebda ħsieb li jmorru f'Ħad-Dingli. Daħlu għall-konkors biex ikabbru l-merti tagħhom quddiem l-Arċisqof.[3] Għalhekk, Dun Franġisk Muscat ikkonkorra waħdu għall-parroċċa.

Lilhom l-erbgħa eżaminawhom ħames kanonċi tal-Katidral ta' Malta. Dawn kienu Dun Ġużepp Mercieca, Dun Pawl Rużar Farrugia, Dun Franġisku Saverju Vassallo, Dun Manwel Debono, u Dun Salv Grech.[4]

L-għażla ma setgħetx ma taqax fuq Dun Franġisk Muscat. L-Arċisqof Pace ma riedx ħlief lilu għax, fil-fatt, hu kien ta s-servizz tiegħu lil Ħad-Dingli fi żmien diffiċli. Dan il-fatt jista' jkun ukoll waħda mir-raġunijiet għaliex oħrajn ma daħlux għall-konkors. Madankollu, Muscat ma ġie eżentat minn xejn.

**● Il-Merti ta' dan il-Kappillan**

Dun Franġisk Muscat innifsu kiteb li hu kien mill-Gudja, fejn kien twieled 47 sena qabel, jiġifieri fl-1848. Ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1872. Fl-1881, hu ġie approvat għall-qrar ta' l-irġiel u n-nisa. Kien predikur għal kull xorta ta' priedki: kwareżimali, eżerċizzi, u paniġierki. Kellu esperjenza fil-ħidma pastorali għaliex l-Arċisqof kien bagħtu bħala Viċi f'H'Attard, u dam hemm għal tliet snin. Muscat ġie mgħobbi bir-responsabilità tal-parroċċa ta' Ħal Lija bħala Delegat jew Vigarju Kurat minħabba l-marda gravi tal-Kappillan Grech Falzon li, żmien qabel, bejn 1864 u 1872, kien Kappillan f'Ħad-Dingli.[5] L-aħħar preparazzjoni għall-parrokat kienet meta, f'Novembru 1891, hu ntbagħat f'Ħad-Dingli bħala Vigarju Kurat. Kienu erba' snin diffiċli ħafna għaliex Dun Ġużepp Rizzo kien tneħħa minn Kappillan, imma dam ħafna biex aċċetta li kellu jwarrab.



*Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħad-Dingli wara li tkabbret fil-bidu tas-seklu għoxrin.*

Kien imiss li n-nomina ta' Kappillan titħalla f'idejn il-Papa, li f'dak iż-żmien kien Leone XIII. Għalhekk, ġie propost l-isem tiegħu lill-Papa, u stennew l-bolla appostolika tan-nomina. Il-bolla tal-Papa ħarġet fil-21 ta' Ottubru 1895; imma ħadet iż-żmien tagħha biex waslet Malta. Malli l-bolla papali waslitlu, Muscat, mingħajr telf ta' żmien, fl-20 ta' Novembru, mar fil-Kurja ta' l-Arċisqof, u ppreżentaha lill-Kan. Ġużeppi Mercieca, il-Vigarju Ġenerali. Bis-saħħa ta' hekk, hu sata' jieħu f'idejh il-parroċċa ta' Ħad-Dingli bid-drittijiet u l-piżijiet kollha li dik il-ħidma kienet se ġġib magħha. Imma, skond il-liġijiet taż-żmien, billi l-Papa kien meqjus persuna barranija, Muscat kellu bżonn jirrikorri għand il-Gvernatur ta' Malta biex ikun jaf kienx hemm xi oġġezzjoni kontra l-għażla tiegħu.

Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien kien Sir Arthur Lyon Fremantle (1884 – 1898). Ir-rikors ta' Muscat sar u, fil-25 ta' Novembru 1895, waslitlu t-tweġiba mingħand Gerard Strickland, is-segretarju ewlieni tal-Gvernatur. Lilu tfissirlu li ma kien hemm ebda oġġezzjoni kontra l-għażla tiegħu. Dun Franġisk Muscat feraħ għax, fil-fatt, hu kienu ilu mxennaq biex isir Kappillan. Dan ta' Ħad-Dingli diġà kien it-tmintax-il konkors li hu kien daħal għalih.[6]

L-Arċisqof, skond id-drawwa, iddelega lill-Kan. Dun Ġużepp Mercieca, il-Vigarju Ġenerali, għall-pussess. Il-funzjoni tal-pussess kienet fl-4 ta' Diċembru 1895, quddiem Dun Ġużepp Cortis u Dun Salv Azzopardi bħala xiehda. Tlitt ijiem wara, fis-7 ta' Diċembru, il-Kappillan Muscat ħa l-ġurament li jżomm fedelment il-fidi kattolika; ittieħed fil-Kurja ta' l-Arċisqof f'riġlejn il-Vigarju Ġenerali, fil-preżenza ta' Dun Franġisk Pace u Dun Karm Bonanno bħala xhieda.[7]

**● 1896 – 1900: L-Iskola Elementari**

Ħad-Dingli ma daħal xejn fid-diskussjonijiet li kien hawn f'Malta f'dak iż-żmien dwar jekk kellhomx jiġu mgħallma flimkien il-lingwa Ingliża u Taljana. Din id-diskussjoni kienet qawwija fi żmien

Fremantle (1894 – 1898). Ħaġa waħda biss tolqot b'xi mod lil Ħad-Dingli. L-iskola li kienet tissejjaħ "Primarja" bdiet tissejjaħ "Elementari". Kien hemm ukoll distinzjoni ċara bejn l-*Università*, il-*Liċeo* u skejjel *Sekondarji* oħrajn, u l-iskejjel *Elementari*. Kull dipartiment kellu direttur għalih biex imexxih.

Fi żmien il-Kappillan Muscat, saru passi żgħar 'il quddiem dwar l-iskola elementari. Sas-sena 1896, it-tfal f'Ħad-Dingli kienu jattendu 95. Imbagħad, fl-1899, intbagħat f'Malta Gvernatur ġdid li kien Sir Francis Wallace Grenfell (1899 – 1903). Fl-1900, Grenfell innomina sinjora għal bniet. Din, li kien jisimgħa Ġużeppa Micallef, kienet meqjusa għalliema tat-tielet kategorija, b'salarju ta' £50 fis-sena. Imbagħad, Micallef, fl-istess sena, ma baqgħetx tidher bħala sinjora. Tqiegħdet Antonja Micallef, li kienet aġent kap ta' din l-iskola, b'salarju ta' £25 fis-sena. F'dik l-iskola, fl-1900, it-tfal kienu tmenin: 40 subien u 40 bniet. Ingħata ukoll bidu għall-iskola ta' filgħaxija. Kienet ta' ġid kbir biex jitnaqqas in-numru ta' dawk li ma kellhom l-ebda skola. Kien hemm 59 raġel jattendu għaliha.[8]

## ● 1900: Proġett Kuraġġjuż għall-Knisja

Fl-1900, meta kien qed jagħlaq is-seklu dsatax, Dun Franġisk Muscat kien qed joqrob biex itemm il-parrokat tiegħu. Imma ħolma li żgur li kienet ilha tberren f'moħħu tintrabat proprju ma' dan iż-żmien. Kien hu li ppjana b'mod konkret li jkabbar il-knisja parrokkjali. Hu għandu l-mertu tal-bidu. Imma x-xogħol baqa' sejjer tul il-parrokkat taż-żewġ suċċessuri tiegħu.

Il-perit li ġie mitlub jagħmel pjanta kien Francesco Zammit. Minn knisja b'nava ta' waħda, kien hemm il-ħsieb li tingħata l-forma ta' salib latin. Il-Kappillan kellu l-għajnuna ta' Dun Pawl Azzopardi, qassis minn Ħad-Dingli. Il-poplu offra ħafna għajnuna. L-irġiel bdew iġorru l-ġebel mill-barriera kull nhar ta' Ħadd, u xi drabi fost ix-xogħol ukoll. Huma kienu joffru x-xogħol ta' idejhom mingħajr ħlas. Il-ġebel kien jinqata' l-iżjed minn barriera li hi fil-limiti ta' Ħad-Dingli, qrib il-post jgħidulu *Ta' Wirxina*. Imma ġebel ieħor kien jinqata' minn xi barriera ta' l-Imqabba jew minn xi oħra.[9]

Il-Kappillan Muscat ħalla x-xogħol kemm mibdi. Fl-1901, hu daħal għall-konkors biex jilħaq Kappillan l-Imqabba, u l-għażla waqgħet fuqu. Għalhekk, il-parroċċa reġgħet ġiet vakanti.[10]

---

*Referenzi:*

1. APO, *Bapt.*, VII, ff. 100 – 101.
2. CEM, Cont, 9, ff. 511r-512r
3. Ib. , f.520r.
4. Mercieca kien Logutenent u Vigarju Ġenerali. Farrugia fl-1907, ġie magħżul bħala Isqof Awżiljarju ta' Malta u titulari ta' Amata, imma miet fl-istess sena 1907, fil-21 ta' Diċembru: Ib., f.522r. Dwar Farrugia, ara: WLZ, "Farrugia, Paolo-Rosario", in M. Schiavone – L.J. Scerri, *Maltese Biographies of the Twentieth Century,* PIN, 1997, 254.
5. Dik kienet marda li lil Dun Anton Grech Falzon wasslitu għall-mewt. Fl-1888, inkiteb li kien se jsir konkors għall-għażla tal-Kappillan f'Ħal-Lija, għaliex il-parroċċa kienet saret vakanti minħabba l-mewt tal-Kappillan Grech Falzon: CEM, Con., 14, n.49, f.394r.
6. AAM, Kanċ, Dingli, 1895, ff.2r-3v.
7. *Ib*, ff. 6r-10r.
8. M.J. Saliba, *History of Dingli Primary School*, pro ms. f.2.
9. J.M. Abela, "Il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli: Il-bini tal-Knisja", Ħad-Dingli: 300 sena Parroċċa, Kunsill Parrokkjali, 1979, 19 – 20.
10. AAM, Kanċ, Dingli, 1895, f. 224.

*Abbrevjazzjonijiet:*

AAM: Arkivju Arċiveskovili ta' Malta (Furjana)
APD: Arkivju Parrokkjali ta' Ħad-Dingli
Bapt: Baptismata: Magħmudijiet
CEM: Curia Episcopalis Melitensis (Kurja ta' l-Isqof: Mdina}
CON: Concursus (Konkorsi għall-għażla tal-Kappillan: Mdina)
Kanċ: Kanċellerija (Furjana)